

# News Releases





# Il-Jum Dinji tal-Popolazzjoni: 11 ta' Lulju 2023

NR119/2023 Data tal-Ħruġ: 10 ta' Lulju 2023

*Fi tmiem l-2022, il-popolazzjoni totali ta' Malta u Għawdex kienet stmata li tlaħħaq il-542,051 persuna, li hija żjieda ta' 4.2 fil-mija meta mqabbla mas-sena ta' qabel.*

**L-istimi tal-popolazzjoni maħruġin f'din l-istqarrija tal-aħbarijiet huma bbażati fuq l-istima ta' tmiem is-sena 2021 li kienet riveduta bħala riżultat tal-aħħar Ċensiment tal-Popolazzjoni u tad-Djar. L-istima riveduta għall-2021 tieħu post l-istima li kienet maħruġa qabel għal din is-sena ta' referenza. Din l-istima aġġornata toħroġ mir-reviżjonijiet inter-ċensali tas-serje kronoloġika tal-popolazzjoni li għaddejjin bħalissa. Aktar reviżjonijiet għas-serje tal-popolazzjoni mill-2012 sal-2021 se joħorġu aktar tard din is-sena.**

**Minħabba r-reviżjoni tal-istima tal-popolazzjoni tal-2021, issa hemm waqfa temporanja fis-serje. Għalhekk, l-istimi tal-popolazzjoni u l-migrazzjoni maħruġin f'din l-istqarrija ma jistgħux jiġu mqabbla maċ-ċifri tas-serje kronoloġika li kienu maħruġin s'issa.**



Ir-raġuni ewlenija taż-żjieda fil-popolazzjoni kienet il-migrazzjoni netta totali (l-immigrazzjoni tnaqqas l-emigrazzjoni) b'total ta' 21,798 persuna. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kienu jirrappreżentaw 83.1 fil-mija tal-migrazzjoni netta totali fl-2022, filwaqt li 65.8 fil-mija tal-migrazzjoni netta totali kienu rġiel (Tabella nru 1).

Fi tmiem l-2022, il-popolazzjoni residenti totali kienet tgħodd kważi 53 fil-mija rġiel. Persuni taħt l-età ta' 18-il sena kienu jiffurmaw 15.1 fil-mija tal-popolazzjoni totali, filwaqt li 18.6 fil-mija kellhom 65 sena jew aktar. Minn dawn, 3,395 persuna — 2,415-il mara u 980 raġel — kellhom 90 sena jew aktar (Tabella nru 2).

## Ċart nru 1. Il-popolazzjoni sħiħa fil-31 ta' Diċembru 2022 bil-gruppi tal-età u s-sess




Meta mqabbel mas-sena ta' qabel, l-għadd ta' twelid ta' trabi ħajjin lir-residenti naqas bi 2 fil-mija fl-2022 (Tabella nru 3). Mill-ġenituri li welldu fl-2022, 39.7 fil-mija kellhom bejn it-30 u l-34 sena fiż-żmien tat-twelid (Tabella nru 4). Fl-2022, l-imwiet tar-residenti żdiedu b'1.6 fil-mija meta mqabblin mas-sena preċedenti (Tabella nru 5). Mill-4,230 mewta ta' residenti li seħħew matul l-2022, 67.4 fil-mija kienu persuni li kellhom 75 sena jew aktar meta mietu (Tabella nru 6). Iż-żjieda naturali kompliet tonqos fl-2022, u laħqet l-aktar valur baxx irreġistrat matul dawn l-aħħar ħmistax-il sena, dak ta' 79 (Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. Iż-żjieda naturali

2008-2022




L-istimi tal-popolazzjoni ta' tmiem is-sena 2021, li huma msemmija f'din l-istqarrija tal-aħbarijiet, kienu riveduti fuq il-bażi tar-riżultati taċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u tad-Djar tal-2021. Tabella nru 7 tagħti l-istimi riveduti għall-2021 maqsumin bis-sess u l-etajiet kollha. Dawn l-istimi joħorġu mir-reviżjonijiet inter-ċensali li għaddejjin bħalissa tas-serje kronoloġika tal-popolazzjoni wara li sar iċ-Ċensiment tal-2021. Aktar reviżjonijiet għas-serje tal-popolazzjoni mill-2012 sal-2021 se jkunu ppubblikati aktar tard din is-sena.